**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 503/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Brian Xuereb)**

**vs**

**Mahamed Kher Jarad**

Illum, 14 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Mahamed Kher Jarad**, iben Said u Nagah xebba Slebi, residenti 234, Triq il-Lampuka, Tarxien, detentur tal- permess tar-residenza Maltija 135660A, imwieled s-Sirja, nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar 1990,

Akkuzat talli nhar l-ewwel (01) ta' Ottubru 2020, bejn n-nofsiegha (00:30hrs) u s-siegha u nofs ta' filghodu (01:30hrs) ta' filghodu gewwa l-fond 'Bar Native' li

jinsab fit-tarag maghruf bhala 'Santa Rita Steps' gewwa Triq San Gorg, San Giljan: -

1. *Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Manwel Can Aydin f'periklu car, ikkagunalu griehi fil-gisem jew fis-sahha, liema griehi huma ta' natura gravi;*

2. *fl-istess, data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;*

3. *renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula*

Il-Qorti giet mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Manwel Can Aydin, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2021, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar l-10 ta' April 2023 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

[1] Fol. 189 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 280 ta' l-atti processwali

- fl-artikoli 214, 215, 216, 217, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-artikolu 338 (dd), 17, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul is-seduta tad-9 ta' Mejju 2023, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar id-9 ta' Marzu 2023.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet definittivament il-provi taghha nhar il-25 ta' Gunju 2024.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

---

[3] Fol. 282 ta' l-atti processwali
[4] Fol. 176 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 402 ta' l-atti processwali

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna incidenza ta' glieda li bdiet fl-istabbiliment Bar Native, gewwa Paceville, kmieni nhar l-1 ta' Ottubru 2020, fejn l-imputat Mahamed Kher Jarad allegatament aggredixxa lill-parte civile Manwel Can Aydin f'rasu b'oggett tal-hgieg u kkawzalu griehi klassifikati bhala ta' natura gravi.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**Il-parte civile Manwel Can Aydin** xehed fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2020[6]. Jghid li kien qed jizfen fuq id-dance floor fl-istabbiliment Native Bar flimkien ma xi hbieb tieghu ftit wara 01:00hrs u imbaghad gew mghajjta ghal fejn il-mejda fejn kienu l-persuna l-ohrajn involuti, x'aktarx Sirjani, u wiehed ragel, li huwa gharaf bhala l-imputat, imbotta lil siehbu Ulas Can Arbaba u hu intervjena billi mbotta lill-aggressur. L-istess aggressur imbaghad fajjarlu daqqa ta' flixkun tal-hgieg f'rasu. Il-parte civile f'dak il-punt indika zewg marki li ghad ghandu fuq rasu. Jghid li apparti dawn id-daqqiet li tah l-imputat, kien hemm persuni ohrajn mill-istess grupp li tefghu xi fliexken lejh imma f'dak il-

[6] Fol. 25-57 tal-atti processwali

punt kien qed ihossu stordut u konfuz. Jghid li gewwa l-bar ma kienx hemm ufficjali tas-sigurta' f'dak il-hin, u dawk li kienu barra ma ghamlu xejn dwar l-incident li nqala'. Il-habib tieghu gera wara l-aggressur biex bieghdu minnu, ghax sa dak il-hin kien ghadu qed jaghtih ukoll bis-sieq. Imbaghad marru lejn id-direzzjoni tal-istabbiliment Burger King fejn kien hemm persuna li hasillu l-feriti u ghamillu xi tissues biex jitwaqqaf id-demm li kien hiereg. Imbghad ittiehed l-Isptar bl-ambulanza, fejn tnaddfu l-feriti u saru l-punti.

In kontro-ezami, jinnega li hu jew siehbu kienu marru jittantaw xi tfajliet li kienu mal-mejda fejn kien l-imputat izda fil-fatt, kienu dawn it-tfajliet li qalulhom biex imorru hdejhom. Iccara li ma kien jaf lil hadd li kien mal-mejda l-ohra, u ghalhekk lanqas kien jaf x'jisimhom. Ikkonferma li eventwalment, kien hemm persuni ohrajn mill-grupp tal-imputat li waddbu l-fliexken. Jghid li dak il-lejl kien xorob tlieta vodka fil-lukanda u erba tequila fil-istabbiliment fejn kienu. Sahaq li kien cert li l-persuna li originarjament imbotta lil siehbu kien il-persuna li imbaghad tah id-daqqiet fil-flixkun. Jghid li ghalkemm kien bil-lejl, huwa seta' jara kollox car sakemm qala' d-daqqiet bil-flixkun.

Fl-istess seduta xehdet **Ulas Can Arbaba**[7]. Dan jghid li ghajtulu xi nies li kienu mal-mejda fejn kien l-imputat u biex ipoggi bil-qieghda. Gie mistoqsi jekk kellux xi problema mill-habib tal-imputat u huwa wiegeb li ma kellux. Jghid li dakinhar kien qed jitkellem ma persuna femminili li kien hemm mal-mejda tal-imputat permezz ta' Instagram. Fuq il-mejda tal-imputat kien hemm zewg irgiel u zewg nisa u kienet biss kumbinazzjoni li kienu fl-istess bar ghax ma kienux ftehmu li jiltaqghu. F'hin minnhom il-habib tal-imputat qam bilwieqfa u gie vicin hafna tax-xhud u x-xhud imbuttah lura. Imbaghad l-imputat imbotta lix-xhud u l-habib tieghu (il-parte civile Manwel Can Aydin) imbotta lill-

[7] Fol. 58-72 tal-atti processwali

imputat biex jaqbez ghalih u l-imputat irrisponda billi tah daqqa ta' flixkun tal-hgieg go rasu. Imbaghad kemm hu kif ukoll il-parte civile ghattew wicchom b'idejhom minhabba daqqiet fil-fliexken u wara ftit, l-imputat u l-grupp tieghu telqu 'l barra mill-bar. Dak il-hin ra li l-parte civile kellu wiccu kollu demm u kien kokka mal-art minhabba li kien ghad hemm persuni mill-grupp tal-imputat qed jaghtuh id-daqqiet u sahansitra daqqa ohra ta' flixkun f'daru. Imbaghad telghu 'il fuq lejn il-Burger King u kien hemm persuna li tahom l-ilma sabiex inaddfu l-feriti u cempel ghall-ambulanza. Jghid li kienu grupp ta' erba guvintur u zewg tfajliet u bejniethom xorbu mal-erbghin ghot tequila imma kien lucidu hafna waqt li gara l-incident.

In kontro-ezami, afferma li mar mal-mejda tal-imputat ghax kien mghajjat biex imur hemm mill-habib tal-imputat u li l-parte civile qala' l-ewwel daqqiet bil-fixkun minghad l-imputat, u kien wara jekk qala' xi daqqiet minn persuni ohrajn.

Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 xehed **PS 1364 Karl Vella**[8], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, li ezebixxa u kkonferma kopja tar-rapport PIRS relattiv ghall-incidenza in ezami.

**L-Ispettur Leeroy Balzan Engerer**[9], stazzjont fl-Ghassa ta' San Giljan, xehed fl-istess seduta. Jghid li nhar l-1 ta' Ottubru 2020 kien informat minn PS 1364 Karl Vella li kienu gew arrestati zewg persuni dwar glieda f'Bar Native bl-isem ta' Mahamed Kher Jarad u Mahamed Alegal Aldwarsh ta' nazzjonalita' Sirjana. L-allegati vittmi kienu ta' nazzjonalita' Germaniza. Ix-xhud ha l-istqarrija tal-imputat Mahamed Kher Jarad bl-assistenza tal-interpretu Nazmi Houto Khalil u wara li l-imputat ikkonsulta mal-Avukat Dr Jason Grima. Gabar ukoll filmat

---

[8] Fol. 76-77 tal-atti processwali
[9] Fol. 86-95 tal-atti processwali

CCTV minn Bar Native li fih jidher wiehed mill-vittmi, Manwel Can Aydin jinbotta lill-imputat u imbaghad l-imputat irritalja billi tah daqqa b'tazza tal-hgieg li kient fuq il-mejda. In kontro-ezami jiccara li hu ma kienx fuq il-post waqt jew immedjatament wara li sehhet il-glieda u li jaf dwar certu sfumaturi tal-incident mill-verzjonijiet tal-partijiet ghax il-filmat CCTV ma qabadx id-diskors li seta' kien qed jinghad. Rega' xehed fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021[10] fejn ipprezenta l-filmat CCTV tal-incident kif ukoll il-flokk li kien liebes l-imputat meta gie arrestat.

Xehed in kontro-ezami fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2023[11]. Jghid li wasal ghall-identifikazzjoni tal-imputat mill-filmat provdut mill-istabbiliment Bar Native, fejn jidher car qed jaqbad tazza minn fuq il-mejda u jaghti daqqa biha lill-wiehed mill-vittmi. Jikkonferma li waqt l-istqarrija kien hemm kooperazzjoni minn naha tal-imputat.

Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021 xehed **Nazmi Houto Khalil**[12], li kkonferma li huwa kien prezenti biex jassisti bhala interpretu waqt li ttiehdet l-istqarrija tal-imputat mill-Ispettur Leeroy Balzan Engerer. Gharaf il-firma tieghu.

Fl-istess seduta xehed **PC 266 Theo Farrugia**[13], li kkonferma li huwa kien prezenti waqt li ttiehdet l-istqarrija tal-imputat mill-Ispettur Leeroy Balzan Engerer. Gharaf il-firma tieghu.

Fl-istess seduta xehed **Maria Dolores Fenech**[14], assistent registratur tal-Qrati Kriminali li ezebiet vera kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Mahamed Kher Jarad mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura

[10] Fol. 146 tal-atti processwali
[11] Fol. 284-290 tal-atti processwali
[12] Fol. 120 tal-atti processwali
[13] Fol. 121 tal-atti processwali
[14] Fol. 123 tal-atti processwali

Kriminali fis-7 ta' Novembru 2017. Ikkonfermat li ma kienx sar appell minn din is-sentenza.

Fl-istess seduta xehed **PC 1217 Shaun Kitcher**[15], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, li spjega li huwa flimkien ma PC 64 u ohrajn kien irrisponda gharrapport dwar l-incidenza odjerna u kien prova jkellem lill-parte civile Mawel Can Aydin, li huwa gharaf fl-awla, vicin l-istabbiliment Burger King f'Paceville. Il-parte civile ma kienx fi stat tajjeb ghax kellu rasu kollha dmija u ghalhekk, cempel ghall-ambulanza. Jispjega li l-parte civie kien kwazi mitluf minn sensih u ftit li xejn seta' jikkomunika mieghu. Imbaghad nizel lura lejl l-Ghassa u assista sabiex l-imputat Mahamed Kher Jarad, li kien jinsab arrestat, sabiex jittiehed fil-Policlinic ghax kellu xi qsim f'idu. In kontro-ezami iccara li huwa wasal biss sa hdejn il-Burger King u ma kienx nizel vicin il-Bar Native.

Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021 xehed **PC 505 Janis Caruana**[16], gia stazzjonat fl-RIU, spjega li fl-1 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tas-01:15hrs, kien fuq ronda f'San Giljan flimkien ma PC 1204 u vicin tal-Eden Cinema lemahu zewg irgiel jigru b'mod suspettuz. Waqqfuhom u deher li kienu ta' etnicita' Gharbija fejn dawn stqarru li kienu nvoluti f'argument vicin Bar Native. Minn naha tal-xhud zammewhom sakemm gew mghoddija lill-Pulizija tad-distrett, ghalkemm mhux taht arrest f'dak l-istadju. Gharaf lill-imputat bhala wiehed miz-zewg irgiel. In kontro-ezami ccara li hu ma kien ra l-ebda glieda imma kienu l-irgiel li kellem li qalulu li kienu nvoluti fi glieda.

**PC 1024 Kenneth Sultana**[17], li kien ukoll stazzjonat fl-RIU, xehed fl-istess seduta u bhall kollega tieghu, spjega b'mod identiku d-dinamika ta' dak li raw vicin l-Eden Cinema izda ma gharafx lill-imputat fl-awla. Zied madankollu in

[15] Fol. 129-133 tal-atti processwali
[16] Fol. 139-141 tal-atti processwali
[17] Fol. 142-144 tal-atti processwali

kontro-ezami li l-persuni mitkellma qalu li telqu jigru ghax kellhom argument ma xi nies habba li ttantaw lit-tfajla ta' xi hadd minnhom.

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2021 xehed **PC 64 Tonio Sultana**[18], stazzjonat fit-Taqsima tat-Traffiku, li spjega li fl-1 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tas-01:15hrs, kien irrisponda ghar-rapport dwar l-incidenza odjerna u kien assista lill-parte civile sakemm giet ghalih l-ambulanza. Jiftakar li kellu wiccu miksi dmija.

Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2022 xehdet **it-Tabiba Dr Stephanie Scerri**[19]. B'referenza ghac-certifikat ezebit a Fol. 210 ikkonfermat li kienet invistat lill-imputat Mahamed Kher Jarad nhar l-1 ta' Ottubru 2020 fis-01:42hrs u kien qed isofri minn xi lacerazzjonijiet superficjali f'idu.

Fl-istess seduta xehed **PC 508 Aiden Gatt**[20], gia stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan. Spjega li fl-1 ta' Ottubru 2020 kien xoghol Paceville u dahal rapport dwar l-incidenza odjerna. Kien ra lill-parte civile b'xi dmija ma wiccu. Imbaghad nizel lejn Bar Native u tkellem mal-bouncer li qal li n-nies li kienu nvoluti fil-glieda kienu nizlu lejn l-Eden Cinema. Imbaghad sabu lil dawn il-persuni f'dik l-akkwata, ghax kienu gew mizmuma mill-ufficjali tal-RIU, u gew eskortati lejn l-Ghassa ta' San Giljan. Ma gharafx lill-imputat fl-awla u in kontro-ezami stqarr li ma kienx ra l-glieda ssehh.

Fl-istess seduta xehed **Mahamed Aligal Altorsh**[21]. Jghid li hu habib tal-imputat. Jghid li dakinhar kien qieghedBar Native flimkien mal-imputat u certu Ahmed Suleiman jixorbu bilqieghda u "bla raguni gew ohrajn isawtuna" u li "anha konna fis-sakra pero' nafu li sawwtuna". Ma jafx x'ghamel l-imputat ghax "dak

[18] Fol. 161-163 tal-atti processwali
[19] Fol. 210-211 tal-atti processwali
[20] Fol. 212-216 tal-atti processwali
[21] Fol. 217-224 tal-atti processwali

il-hin saret konfuzjoni". Wara hargu mill-bar ghax gew imkeccija mill-bouncer u eventwalment taw lilhom infushom lill-Pulizija.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 xehed **it-Tabib Dr Karim Abdallah**[22], li b'referenza ghac-certifikat ezebit a Fol. 22 spjega li fl-1 ta' Ottubru 2020 kien invista lill-parte civile Manwel Can Aydin u sab li dan qed isofri minn griehi ta' natura gravi konsistenti lacerazzjoni f'rasu li kienet tirrikjeda l-punti. Giet hekk klassifikata minhabba li mistennija thalli cikatrici permanenti lilhinn mill-hairline.

Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 xehdet **Marilyn Formosa**[23], ufficjal tal-probation, li ppreztat social enquiry report relattiv ghall-imputat. Spjegat in succint li dan qed jghix hajja stabbli fejn hu mizzewweg, ghandu zewgt'itfal u mit-testijiet tal-awrina, irrizulta negattiv ghal sustanzi illeciti.

Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024 xehed minn rajh **l-imputat Mahamed Kher Jarad**[24]. Jghid li kien Bar Native ma "grupp kbir" ta' madwar hames hbieb, inkluz zewg tfajliet Maltin. F'daqqa wahda mar fuqhom guvni "Germaniz" li kien ma mejda ohra u beda "jidrob" lil siehbu Ahmed Suleiman f'wiccu bil-ponn. Qabel dan, dan l-hekk imsejjah Germanizi kien mexa wara tfajla li kienet maghhom meta din marret it-toilet u meta harget lura, qalet lill-gharus taghha Ahmed Suleiman li kien hu li ttantaha. Meta imbaghad gew il-hbieb tal-Germaniz, "bdejna naghtu" u ftit wara gie is-security. Jghid li minkejja li ma kien jaf lil hadd minhomm, spicca qala' daqqa fuq widnejh u li "jien anqas ma ghamilt xejn... anqas drabt lil hadd minnhom". Imbaghad tefghuh barra is-security u eventwalment, flimkien ma zewg shabu ohra, gie arrestat mill-Pulizija. Jghid li ma kienx fis-sakra ghax ma jixrobx, ghalkemm jidher li shabu

[22] Fol. 277-278 tal-atti processwali
[23] Fol. 299-300 tal-atti processwali
[24] Fol. 318-337 tal-atti processwali

kienu fis-sakra u kienu ilhom fil-bar jixrobu minn hafna qabel ma kien wasal hu. In kontro-ezami sahaq li kienu l-persuni l-ohrajn li qalghu il-glied u li minkejja li gie msawwat ukoll, huwa ma rreagixxa bl-ebda mod sakemm tkeccew kollha 'l barra mill-ufficjali tas-sigurta'. Jghid kemm-il darba li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-glieda li nqalghet u li ghalhekk,"m'hemmx ghalfejn naghti daqqa lil hadd u anqas hadd jaghtini".

Fis-seduta tat-23 ta' April 2024 xehed **Ahmed Hassan Suleiman**[25]. Jghid li huwa habib tal-imputat u f'dak iz-zmien kien f'relazzjoni ma certu Andrea Blanco. Kienu gewwa Bar Native u l-inkwiet inqala' minhabba li meta din Andrea Blanco marret it-toilet, kien hemm xi hadd li ttantaha u qabdilha idejha. "Imbahad gew fuqna u komplew idejquna" sakemm "beda jimbuttana u mbaghad qabad jaghti" wara "ma jiftakarx x'gara ezatt ghax qamet konfuzjoni" u lanqas ma jaf ezatt x'ghamel l-imputat ghax dan kien bilqieghda warajh.

Fis-seduta tat-23 ta' April 2024 xehdet **Andrea Blanco**[26]. Tghid li kienet flimkien mal-imputat u xi hbieb ohra f'Native Bar. Hin minnhom qamet ghat-toilet u mar fuqha ragel li kien jidher xurban u qabadha minn idhu. Hi qaltlu "hallini, hallini" u eventwelment, meta harget mit-toilet, rega' beda jaqbad maghha. Dan ir-ragel imbaghad qabad jaghti lil Ahmed Suleiman. Tghid li lill-imputat ma ratu jaghmel xejn u imbaghad qamu u telqu 'l barra.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija tal-imputat[27] ittiehdet mill-Ispettur Leeroy Balzan Engerer fil-prezenza ta' PC 266 Theo Farrugia u l-interpretu Nazmi Houto Khalil wara li l-

[25] Fol. 378-384 tal-atti processwali
[26] Fol. 385-389 tal-atti processwali
[27] Fol. 18-21 tal-atti processwali

imputat inghata s-soliti drittijiet u ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Jason Grima. L-imputat ta' verzjoni ta' fatti li taqbel piu` o meno ma dik moghtija mix-xhieda izda ma jikkummenta xejn fuq dak li ghamel o meno waqt il-glieda li inqalghet f'Bar Native. Jsemmi ukoll li "jiena xrobt hafna… erba Aftershock u Jack Coke", meta fix-xhieda tieghu, jinnega bl-akbar forza li dak il-lejn kien qed jixrob. Jaghti twegiba xejn konvincenti fuq kif spicca bi griehi f'idejh u filli jghid li ma nvolviex ruhu fil-glied u filli jikkoncedi li "jiena dhalt sabiex ma jweggax Ahmed" u jispjega li "anke' xi had ma nafux, xorta naqbez ghalih". Meta mistoqsi direttament jekk tax daqqa b'tazza tal-hgieg lil parte civile, ghazel li ma jwegibx.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2024[28]. Il-prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha fuq ic-certifikat mediku a Fol. 22 li jindika l-prezenza ta' griehi gravi kif ukoll il-fatt li l-incident kollu inqabad fuq il-filmat CCTV u li x-xhieda kkonfermaw l-identifikazzjoni tal-imputat. In kwantu ta' piena, minhabba li l-fedina tal-imputat tista' tghid hija nadifa, tikkoncedi li sentenza sospiza tkun piena ekwa.

Id-difiza, mill-banda l-ohra tghid li dak li essenzjalment ghamel l-imputat kien li jiddefendi ruhu u prova jilqa' d-daqqiet lil shabu ghax minkejja li f'dawn l-atti huma indikati bhala vittmi, it-transgressuri kienu propjament Manwel Can Aydin u Ulas Can Arbaba. Tghid ukoll li ma hemmx certezza fl-identifikazzjoni tal-imputat bhala l-persuna li fajjar id-daqqa ta' tazza. In kwantu ta' piena,

[28] Fol. 411-419 tal-atti processwali

tirreferi ghall-fatt li l-imputat illum ghandu hajja mill-aktar stabbli f'Malta u ghandu familja.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-guddizju jindika l-artikoli 214, 215, 216, 217, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 215 tal-Kodici Kriminali jistqarr li:

*L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*

L-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali imbaghad jghid li:

*L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korrożiv*

Filwaqt li l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali jghid li:

*(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin –*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem,*

*jew, marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; […]*

*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem,u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz ***Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi*** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[29]

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal- kaz ***Il-Pulizija vs Fortunato Sultana*** fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 (offiza gravi) u 218 (offiza gravissima) tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fit-termini*

[29] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004

*ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali."*[30]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich***

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*[31]

Illi l-parte civile Manwel Can Aydin kien gie nvistat mit-Tabib Dr Karim Abdallah, li xehed fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023. Mic-certifikat redatt minnu fl-1 ta' Ottubru 2020[32], debitament ikkonfermat bil-gurament, jirizulta li l-parte civile kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi konsistenti lacerazzjoni f'rasu li kienet tirrikjedi l-punti. Ix-xhud elabora li l-ferita giet hekk klassifikata

[30] Deciza 5 ta' Frar 1998
[31] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999
[32] Fol. 22 tal-atti processwali

minhabba li kienet mistennija thalli cikatrici permanenti lilhinn mill-hairline li allura huwa fil-wicc.

Illi stabbilit li l-ferita subita mill-parte civile hija fil-wicc u tikkostitwixxi sfregju li huwa permanenti jew li x'aktarx ser ikun permanenti, huwa sodisfatt il-vot tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali u ggib lill-imputat passabbli ghall-pieni relattivi.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mressqin, partikolarment il-filmat CCTV izda ukoll il-verzjonijiet moghtija mix-xhieda u l-istqarrija tal-imputat innifsu, ma hemmx dubju li kemm l-imputat kif ukoll il-parte civile kienu prezenti gewwa Bar Native, Paceville, meta dawn kienu nvoluti f'argument li sfortunatament eskala. Li huwa kontestat huwa r-rwol u l-involviment ta' l-imputat vis-à-vis il-griehi sofferti mill-parte civile. F'dan il-kaz, kif accennat, il-Qorti ghandha l-konfort addizzjonali tal-filmat CCTV li juri bic-car lill-imputat jaqbad tazza tal-hgieg minn fuq il-mejda u jfajjar daqqa bis-sahha lejn ras il-parte civile. Ghalhekk, kubtrarjament ghal dak li titratta d-difiza, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju ragjonevoli dwar l-identifikazzjoni tal-imputat.

Il-Qorti tosserva li hemm kemm xejn kuntrast bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parte civile u l-habib tieghu minn naha, mal-verzjoni moghtija mill-imputat u shabu minn naha l-ohra. Ghalhekk, trid tislet il-fatt mill-verzjonijiet moghtija, li f'dan il-kaz huwa ezercizzju sorrett mill-beneficcju tal-filmat CCTV. Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu ritenut fil-kaz ***Pulizija vs Joseph Thorne***:

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-*

*provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*[33]

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz ***Il-Pulizija vs Matthew Borg***

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*[34]

Fil-kawza ***Miller vs Minister of Pension*** l-illustri Lord Denning ghallem li:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*[35]

Ghalhekk meta l-Qorti tezamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk ghandiex provi bizejjed sal-grad rikjest fil-ligi u skond il-gurisprudenza sabiex tasal ghad-decizjoni finali u hekk ser tkun qed taghmel.

Fl-assjem tal-provi u c-cirkostanzi kollha, din il-Qorti qajla tista' temmen il-verzjoni tal-imputat li wara kollox, hija neboluza u vaga ghax filwaqt li jibqa'

[33] Qorti tal-Appell Kriminali (deciza 9 ta' Lulju 2003)
[34] Qorti tal-Appell Kriminali (deciza 10 ta' Novembru 2014)
[35] 1974 – 2 ALL ER 372

jinnega illi huwa fera lill-parte civile b'taxxa tal-hgieg, minkejja li kien prezenta fil-qaqocca tal-glieda, jonqos milli jelucida kif fil-fatt, il-parte civile gie ferut bil-konsengwenza li sofra griehi ta' natura gravi.

Intant, ghalkemm taxxa tal-hgieg hija oggett li ghandu utilita' prattika fil-hajja ta' kuljum, jekk tintuza fi glieda tikkonverti ruhha f'arma perikoluza bil-konsegwenza li l-portata tal-griehi li jistghu jigu kkawzati biha tikber b'mod esponenzjali, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern u dan ikompli jzid mal-kolpevolezza tal-imputat ghax hekk kif hass li qed tinbed glieda, kien pront jgholli tazza tal-hgieg ghall-persuna ohra, pjenament konxju tal-fatt li bit-tazza tista' taghmel ferm aktar hsara milli kieku taghti bl-idejh biss.

Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-imputat huwa hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Permezz tat-tieni (2) imputazzjoni, l-imputat hu mixli li kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat, storbju u glied ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kirminali Mix-xhieda mismugha mill-Qorti kif ukoll mill-filmat CCTV jirrizulta li fl-istabbiliment Bar Native sehhet glieda u li fiha kien involut l-imputat. Prova diretta ta' ghajjat u storbju ma hemmx imma intant, huwa cert li l-glied wahdu ukoll jikser l-ordni u paci pubblika u ghalhekk, din l-imputazzjoni hija sufficjentament ipprovata u l-Qorti qed issib lill-imputat hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tat-tielet (3) "imputazzjoni", il-Prosekuzzjoni titlob dikjarazzjoni li l-imputat huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminlai fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

> "*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*"

Il-prosekuzzjoni ressqet rapprezentant tar-Registratur tal-Qrati Kriminali[36] li ezebiet vera kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Mahamed Kher Jarad mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Novembru 2017 rigward imputazzjonijiet ta' sewqan bla licenzja. Giet kkonfermat ukoll li ma kienx sar appell minn din is-sentenza. Madankollu meta l-piena hija unikament ta' multa ma jistax jitqies li l-imputat huwa recidiv skont id-dettami ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant , l-addebitu tar-recediva ma jistax jitqies li gie ipprovat u l-Qorti sejra tghaddi sabiex tilliberah minn din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

---

[36] Fol. 123 tal-atti processwali

Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[37] li tindika sejbien ta' htija wiehed biss koncernanti sewqan ta' vettura minghajr licenzja fl-14 ta' Dicembru 2016. Mill-bqija ma hemm xejn u ma jidhirx f'ghajnejn il-Qorti li l-imputat huwa persuna ta' karattru refrattarju.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti tqis ukoll li sa fejn tidhol il-piena, idjeha huma marbutin bid-dettami tal-ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17; 49; 50; 214; 215; 216 217; 218; 339(1)(e); 338(dd); 532A; 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Mahamad Kher Jarad **hati** ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrih filwaqt li ssibu **mhux hati** ta' l-addebitu tar-recidiva u li minnha qed jigi liberat minn kull htija u piena dwarha u qed tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' hames (5) snin prigunerija effettiva flimkien ma multa ta' mitt Euro (€100).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Manwel Can Aydin ghal perjodu ta' tlett

[37] Fol. 5 tal-atti processwali

snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

**Komunika:** Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar l-14 ta' Jannar 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**